**Kunsill Lokali Birgu**

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

5 ta' Mejju, 2013

# Minuti tal-laqgha 16(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 16(06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar it-Tlieta 30 t'April, 2013, fil-hamsa u nofs ta' filghazija (5:30pm)

## Prezenti

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, l-Vici Sindku, S-Sur Trevor Mizzi, l-Kunsillier Anton Gellel, u l-Kunsillier Lawrence Attard.

Il-Kunsillier Alan Cassar nghaqqad ghal laqgha fis-sitta u hamsa (6:05pm) u hareg mil-laqgha fi tmienja u ghoxrin (8:20pm)

## Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Item 5(15/05) Installazzjoni tas-sistema WI-FI f'Misrah ir-Rebha

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li s-sistema tal-WI-FI f'Misrah ir-Rebha giet installata u qed topera. Hawnhekk, is-Sindku rringrazzja lil Kumitat tal-Kazin tal-Partit Laburista fil-Birgu talli ghogbu jilqa' talba tal-Kunsill u jipprovdi d-dawl mil-binja tieghu sabiex din is-sistema tkun tista' topera.

1.2 Item 6(15/06) Il-progett ta' Triq San Lawrenz

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-progett ta' Triq San Lawrenz, inbeda u bhal issa qieghed issir ix-xoghol tal-pavimentar taz-zonqor.

1.3 Item 10.2 (15/06) ATM fil-Belt tal-Birgu

Is-Sindku qal li l-Bank of Valletta, bhalissa jinsab fid-diskussjonijiet biex jigu evalwati s-siti proposti sabiex fil-lokalita tal-Birgu ssir ATM mil-bank tieghu. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill qieghed jistenna risposta min-naha tar-rapprezentanti ta’ dan il-bank.

1.4 Item 10.4(15/06) Laqgha mal-ghaqdiet sportivi tal-Belt tal-Birgu

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li l-laqgha mal-ghaqdiet sportive tal-Belt tal-Birgu saret nhar it-Tlieta 26 ta’ Marzu, 2013 u ghalija attendew rapprezentanti mil-ghaqdiet sportivi kollha li hawn f’din il-Belt. Is-Sindku zied jghid li gew diskussi bosta affarijiet fosthom x’inhuma l-bzonnijiet ta’ kull ghaqda sportiva.

## 2. **Korrispondenza**

2.1 Korrispondenza mibghuta lil Onorevoli Prof. Edward Scicluna, Ministru ghall-Finanzi

Is-Sindku pprezenta korrispondenza ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera li ntbaghtet lil Onorevoli Prof. Edward Scicluna, Ministru ghall-Finanzi, dwar il-preokupazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu hekk kif il-Kunsill jemmen li l-allokazjoni li qed tinghata mil-Gvern Centrali mhux qed tigi kkalkulata tajjeb b’konsegwenza li l-Kunsill ta’ kull sena qieghed jiffacja *deficit.* Is-Sindku zied jghid li f’din il-korrispondenza l-Kunsill spjega s-sitwazzjoni li qieghed jiffacja u talab l-ghajnuna tal-Ministru ghall-Finanzi, sabiex bl-ghajnuna tieghu tinstab soluzzjoni ghal din il-problema u talab sabiex f’data u hin konvenjenti issir laqgha mieghu biex tigi diskussa aktar fid-dettal din is-sitwazzjoni, hekk kif il-Kunsill jemmen li l-allokazzjoni tieghu ghandha tigi riveduta u mizjuda relattivament meta mqabla mas-servizzi kontratwali u l-htigijiet relatati ma’ din il-lokalita.

2.2 Allokazzjoni Finanzjarja ghas-sena 2013

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2013 hija ta’ 259,026 *Euros*, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu sofra min tnaqqis fl-allokazzjoni ta’ 6330 *Euros*. Is-Sindku zied jghid li ghas-sena 2012, l-allokazzjoni tal-Kunsill kienet ta’ 265,356 *Euros*.

2.3 Stedina lil Onor. Dr. Jose Herera

Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta ittra mibghuta lil Onorevoli Dr. Jose Herrera, Segretarju Parlamentari gahll-Kultura u l-Gvern Lokali., fejn ghan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu stiednu sabiex f’data u hin konvenjenti izur l-ufficini amministrattivi tal-Kunsill li jinsabu fil-Berga ta’ Frnaza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Farmers' Market fil-Belt tal-Birgu

Is-Sur John Boxall, Sindku , ipprezenta korrispondenza ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera, mibghuta lil Onorevoli Roderick Galdes, Segretarju Parlamentari ghal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, fejn il-Kunsill talab lil Onorevoli Roderick Galdes l-ghajnuna u l-assistenza tieghu biex fil-lokalita tal-Birgu jibda jigi organizzat is-suq tal-bdiewa maghruf ahjar bhala Farmers' Market. Is-Sindku zied jghid li fil-25 ta' April, hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva u l-Kunsillier Lawrence Attard, attendew ghal laqgha mal-Onorevoli Roderick Galdes, fejn gie kkonfermat li s-suq tal-bdiewa ser jibda jsir fil-Birgu u bhalissa qeghdin isiru l-preparamenti min-naha tal-Ministeru. Is-Sur Boxall, Sindku zied jghid li hemm diversi regolamenti sabiex jigi stabbilit dan is-suq fosthom li f'dan is-suq iridu jinbieghu haxix u frott frisk biss u prodotti Maltin ohra biss. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Korrispondenza mibghuta lil Onorevoli Evarist Bartolo, Ministru ghall-Edukazzjoni

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza mibghuta lil Onorevoli Evarist Bartolo, Ministru ghall-Edukazzjoni, fejn is-Sindku ghan-nom tal-Kunsill talab sabiex f'data u hin konvenjenti ghal Ministru ssir laqgha sabiex jigu diskussi diversi suggetti li jaqghu taht dan il-Ministeru. Is-Sindku zied jghid li din il-laqgha saret nhar it-Tnejn 29 t'April, 2013, fejn fost hafna affarijiet ohra gew diskussi s-settur edukattiv fil-Belt tal-Birgu, kif ukoll l-iskema ta' "Xoghol fil-komunita" offruta mil-E.T.C. Barra min hekk, is-Sur John Boxall, Sindku qal li ser issir laqgha bejn is-Sindki tal-Kottonera u l-Kalkara, biex tigi diskussa t-tema tal-Edukazzjoni fil-Kottonera u l-Kalkara. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Korrispondenza mibghuta lil Onorevoli Dr. Emanuel Mallia, Ministu ghall-Intern u l-Gustizzja

Ittra mibghuta lil Onorevoli Dr. Emanuel Mallia, Ministru ghall-Intern u l-Gustizzja, fejn is-Sindku s-Sur John Boxall, talab lil Onorevoli Dr. Mallia, sabiex f'data u hin konvenjenti ghalih issir laqgha biex flimkien jigu diskussi l-problemi u d-diffikultajiet li l-Kunsill qieghed jaffacja mal-Pulizija tad-Distrett.

2.7 Korrispondenza mibghuta lil Kumissarju tal-Pulizija s-Sur Peter Paul Zammit

Ittra mibghuta lil Kummissarju tal-Pulizija, s-Sur Peter Paul Zammit fejn is-Sindku s-Sur John Boxall, talab lil Kummissarju sabiex f'data u hin konvenjenti ghalih issir laqgha biex jigu diskussa l-problemi li l-Kunsill qieghed jaffacja fil-lokalita tieghu viz-a-viz l-Pulizija u kif l-istess Kunsill jista' jtejjeb ix-xoghol tal-Pulizija bl-ghajnuna tal-Kummissarju. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-laqgha mal-Kummissarju ser issir nhar l-Erbgha 8 ta' Mejju, 2013 u heggeg lil Kunsilliera sabiex ikunu prezenti ghal din il-laqgha.

2.8 Korrispondenza mibghuta lil Onorevoli Dr. Stefan Buontempo dwar laqgha ma' rapprezentanti tal-ghaqdiet sportivi fil-Birgu.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsill diversi korrispondenza mibghuta lil Onorevoli Dr. Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari

ghar-Ricerka, Innovazzjoni, Zghazagh u Sport sabiex f'data u hin konvenjenti ghalih issir laqgha ma' rapprezentanti tal-ghaqdiet Sportivi fil-lokalita tal-Birgu, hekk kif gie diskuss fil-laqgha li saret ma'dawn l-ghaqdiet fi 26 ta' Marzu, 2013. Is-Sindku rrimarka li sal-llum il-Kunsill ghadu minghajr risposta. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixa sabiex il-Kunsill jinforma lil ghaqdiet sportivi kollha dwar dan. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Korrispondenza mibghuta lil Onorevoli Karmenu Vella, Ministru ghat-Turizmu

Ittra mibghuta lil Onorevoli Karmenu Vella, Ministru ghat-Turizmu, fejn ghan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, s-Sindku talab lil Onorevoli Vella, sabiex f'data u hin konvenjenti ghalih issir laqgha mieghu biex jigu diskussi diversi proposti li l-Kunsill ghandu li bihom jistghu jattiraw aktar turisti lejn il-Gzejjer Maltin. Partikolarment il-Kunsill jixtieq jiddiskuti mal-Onorevoli Ministru l-attivita internazzjonali li ser issir fil-Belt ta' St. Tropez fi Franza, dik ta' "Voiles latines a' Saint Tropez". Is-Sindku zied jghid li sfortunatament il-Kunsill sal-llum ghadu minghajr risposta.

2.10 Korrispondenza mibghuta lil Prim Ministru Dr. Joseph Muscat

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta lil Prim Minsitru Dr. Joseph Muscat, dwar l-idea tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, biex fil-Berga ta' Franza, wahda mil-binjiet tal-oghla grad li hawn fil-Gzejjer Maltin, tingieb ix-xabla propja tal-Gran Mastru Jean Paul De La Vallette, biex din ix-xabla tkun gahll-wiri. Is-Sindu zied jghid li din l-idea kienet diga giet ipprezentata lil ex Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi, kif ukoll giet diskussa mal-Onorevoli Dr. Chris Said. Hawnhekk is-Sur John Boxall, Sindku sostna li l-Kunsill ghandu jibqa' jinsisti li din ix-xabla ghandha tkun esebita fil-Berga ta' Franza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Il-Premju EDEN

Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta lil Kunsilliera prezenti l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal premju EDEN – European Destinations of Excellence ghas-sena 2013.

2.12 Organizazzjoni ta' tahdidiet edukattivi fuq is-sahha

Talba mil-Primary Health Care Department, sabiex fil-lokalita tal-Birgu jigu organizzati tahdidiet edukattivi fuq is-sahha ghar-residenti tal-Birgu. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaccetta din it-talba sabiex fil-lokalita jibdew jigu organizzati dawn it-tip ta' tahdidiet edukattivi fuq is-sahha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.13 Malta Arts Festival ghas-sena 2013

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li ghat-tieni sena konsekuttiva, l-Kunsill Malti ghal Kultura u l-Arti, talab sabiex bejn is-6 u t-8 ta' Lulju, 2013, f'Couvre Porte, jitella' rapprezentazzjoni bhala parti mil-Malta Arts Festival. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.14 Il-progett f'Sally Porte il-Birgu

Is-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li hu flimkien ma' rapprezentanti tal-Vittoriosa Regatta Club attendew ghal laqgha flimkien ma' rapprezentanti ta' Transport Malta, fejn gie pprezentat lilhom il-progett f'Sally Porte fil-Birgu, l-post maghruf bhala t-Toqba. Is-Sindku tah rendikont tal-laqgha li saret u spjega lil Kunsilliera x-xoghol li mistenni li ser issir f'dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.15 Talba mil-Kumitat Organizzattiv ghall-Ewwel Erbgha ta' San Lawrenz,

Talba mil-Kumitat Organizattiv ghall-Ewwel Erbgha ta' San Lawrenz, sabiex nhar it-Tlieta 28 u l-Erbgha 29 ta' Mejju, 2013, jigu armati l-bandalori tal-Festa mal-arbli tal-Pjazza, kif ukoll jittella' pavaljun mal-hbula li hemm fid-dahla lejn il-Muzew tal-Parocca biex tinholoq atmosfera ta' Festa. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni u japprova din it-talba. Il-Kunsillier Anton Gellel issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.16 L-Fond UIF fi hdan l-MEPA

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li sa l-ahhar ta' Marzu, 2013, l-fond fl-iskema UIF (Urban Improvement Fund) fi hdan l-MEPA huwa ta' € 9317.16, liema ammont jista' jintuza sabiex isiru progetti tal-Birgu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill ma japplikax ghal progetti ghalissa, sabiex b'hekk is-somma ghal progetti tilhaq tizdied. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.17 Il-Progett "Turn Off! Reach Out!"

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-progett "Turn Off! Reach Out!" sottomess taht is-sejha *Youth in Action* gie approvat. Is-Sindku zied jghid li bl-ghajnuna ta' dan il-progett, il-Kunsill ser jorganizza *Youth Excahnge* fejn ser jilqa' zghazagh mil-Villagg ta' Belvi f'Sardegna. Bl-ghajnuna ta' dan il-progett il-Kunsill ser jibbenifika mil-ammont ta' €13,020, sabiex jigi fis-sehh dan il-progett.

2.18 Talba mil-Assocjazzjoni CSAF

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mil-Assocjazzjoni CSAF, fejn din l-assocjazzjoni nfurmat lil Kunsill li prezentament qeghdin ifittxu post alternattiv, sabiex jospittaw santwarju tal-qtates, liema santwarju bhalissa qieghed jakkomoda madwar 160 qattus. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill joffri parti miz-zona maghrufa bhala l-glaziz. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.19 Latrina Pubblika f'Sally Porte, l-Birgu

Korrispondenza mibghuta lis-Segretarja tal-Vittoriosa Regatta Club, fejn il-Kunsill informa lil dan il-kumitat dwar in-nuqqasijiet li kien hemm min-naha tal-barmen fil-konfront tal-ftehim ghal ftuh, l-gheluq u t-tindif tal-Latrina Pubblika li hemm f'Sally Porte l-Birgu, l-post maghruf bhala t-Toqba. Is-Sindku zied jghid li jekk ser jibqghu jigu nnutati dawn in-nuqqasijiet, il-Kunsill mhux ser ikollhu triq ohra hlief li jwaqqaf l-access ghal dawn il-lattrini pubblici.

2.20 Il-progett “Europe through our eyes!”

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, informa lil Kunsilliera prezenti li bl-ghajnuna tal-Assocjazzjoni Alda, l-Kunsill Lokali tal-Birgu applika ghal progett fi hdan il-programm *Youth in Action*, l-progett “Europe through our eyes!”. Is-Sindku zied jghid li jekk dan il-progett ser jigi approvat, l-laqgha ta’ dan il-progett ser issir fil-belt ta’ Vicenza fl-Italja, bejn id-9 u s-16 ta’ Frar, 2014.

2.21 Korrispondenza mil-Gvernatur tal-belt ta’ Odemis, fit-Turkija

Is-Sindku pprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza mibghuta mis-Sur Abdullah Dolek, Gvernatur tal-Belt ta’ Odemis fit-Turkija, fejn informa lil Kunsill Lokali tal-Birgu li grupp ta’ 11-il persuna bejn l-1 u l-4 ta’ Gunju, 2013, ser izuru l-Belt tal-Birgu u talab lil Kunsill sabiex jipprepara programm u jiehu hsieb l-akkomodazzjoni ta’ dan il-grupp. Hawnhekk is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill mhux posizzjoni li joffri dak mitlub u ghaldaqstant l-Kunsill talab l-ghajnuna tal-Ambaxxatrici Turka l-Eccelenza Taghha Mrs. Refika Nihal Cevik, sabiex tospita lil dan il-grupp. Is-Sindku zied jghid li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja li fil-prezent l-Kunsill Lokali tal-Birgu qieghed jaffacja mhux f’pozizzjoni li jospita lil dan il-grupp. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.22 Konferenza tal-Assocjazzjoni European Walled Towns

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li bejn il-15 u l-20 ta’ Mejju, 2013, gewwa Capdepera f’Palma de Majorca fi Spanja, ser issir il-Konferneza tal-Assocjazzjoni *European Walled Towns*, fejn ghal din il-konferenza, l-Kunsill Lokali tal-Birgu huwa mitlub li jaghmel presentazzjoni dwar ix-xoghol ta’ restawr li qieghed issir fuq il-fortifikazzjonijiet mad-dawra tal-Belt tal-Birgu. Wara diskussjoni s-Sindku qal li ghal din l-konferenza ser jattendi hu flimkien mal-Kunsillier Lawrence Attard. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.23 Applikazzjoni ghal progett fi hdan l-programm Europe for Citizens 2007-2013

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li bl-ghajnuna tas-Sur Mark Causon, *Research Director* fi hdan l-kumpanija Genista Research Foundation Malta, l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser japplika taht il-programm Europe for Citizens 2007-2013, liema progett ser ikun mal-villagg ta’ Belvi f’Sardegna. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.24 Il-progett MEDEEA

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal li l-Fondazzjoni Temi Zammit, stiednet lil Kunsill Lokali tal-Birgu, sabiex jippartecipa fil-konferenza tal-progett MEDEEA li ser issir f’Cipru bejn il-15 u s-17 ta’ Mejju, 2013. Is-Sindku zied jghid li l-attendenza tal-Kunsill f’din il-konferenza u dak kollhu relatat maghha, ser tkun mhallsa mill-istess progett. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex ghal din il-konferenza jattendi l-Kunsillier Anton Gellel. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.25 Talba mil-ghaqda Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja

Talba mil-ghaqda Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja, fejn talbu lil Kunsill Lokali tal-Birgu l-approvazzjoni u n-*no objection*, sabiex nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju, tinharaq kaxxa tan-nar tal-ajru tal-kulur ta' daqs ta' pulzier u nofs minn fuq il-moll taht is-sur tal-Birgu fil-vicinanzi tax-Xewkija, fl-okkazzjoni tal-festa titular ta' San Guzepp. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li sakemm ma jkunx ghadu beda l-progett ta' riabilitazzjoni f'din iz-zona, l-Kunsill ghandu japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

3. **Jum il-Birgu**

Wara diskussjoni gie deciz li dan l-item fuq l-agenda, ser jigi diskuss aktar-il quddiem, preferibbilment f'laqgha li ghanda ssir apposta biex tigi diskussa din l-attivita u l-attivita tal-Birgufest 2013. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

4. **BirguFest 2013**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera prezenti kopja tal-korrispondenza mibghuta lil Onorevoli Jose Herrera, Segretarju Parlamentari ghall-Kultura u l-Gvern Lokali, kif ukoll lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar id-disapprovazzjoni tal-Kunsill dwar is-somma ta' EUR 6000 allokati lilu sabiex fil-lokalita tieghu tigi organizzata wahda mil-aqwa attivitajiet kulturali li qeghdin isiru fil-Gzejjer Maltin, dik tal-BirguFest 2013, hekk kif bejn wiehed u iehor, din l-attivita biex titellha fuq skala nazzjonali, tiswa madwar EUR 45,000. Is-Sindku stqar li bis-somma allokata mil-Gvern Centrali, taht il-Memo 38/12 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012-2013, il-kunsill ser ikun kostrett li wara sebgha snin konsekuttivi, b'organizazzjoni perfetta u tal-ahjar kwalita u verament ta' valur ta' flus din is-sena ma ssirx, sakemm din l-allokazzjoni ma tigix reveduta. Is-Sindku stqar li sa issa l-Kunsill ghadu minghajr ebda risposta.

5. **Il-parkegg f'Misrah ir-Rebha**

Wara diskussjoni s-Sindku s-Sur John Boxall stqar li l-Kunsill Lokali tal-Birgu, bl-ebda mod ma tah struzzjonijiet lil Pulizija li kull siegha ghandha ssir r-ronda min-naha tal-Korp tal-Pulizija u jinghataw ic-citazzjonijiet. Ix-xewqa tal-Kunsill hi li ta' kuljum ikun hemm pulizija li jzomm l-ordni f'Misrah ir-Rebha kif ukoll fil-lokalita kollha. Ghal darb'ohra l-Kunsilliera prezenti qablu li fin-nofs tal-pjazza m'ghandux ikun hemm parkegg.

Hawnhekk, is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta lil Perit Raymond Farrugia, direttur tad-Dipartiment ghax-Xogholijiet u s-Servizzi, fejn ghan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, wara laqgha li saret fejn fost affarijiet ohra gie diskuss l-progett tal-pavimentar taz-zona tal-Collachio u ta' Misrah ir-Rebha, flimkien ma' triq il-Kardinal u Triq Desain, talab sabiex Triq il-Kardinal u Triq Desain, jsiru bil-hot asphalt u l-bankina ssir biz-zonqor u dan ix-xoghol isir seperattament mit-toroq l-ohra taz-zona tal-Collachio u dan sabiex ix-xogholijiet f'dawn it-toroq isir mil-aktar fis possibli u tinghata priorita

minhabba l-istat disaztruz li jinsabu fihom. Is-Sindku hawnhekk, ipprezenta kopja ta' ittra mibghuta mis-Perit Ray Farrugia, fejn informa lil Kunsill li fuq dawn it-toroq huwa stmat li jammonta ghal EUR 373,602.27 kif ukoll li dan ix-xoghol mhux inkluz fit-tender tal-pavimentar tal-Collachio li bhalissa qed tigi aggudikata, izda huwa kopert bil-permessi tal-MEPA tal-imsemmi progett.

6. **<u>Taghrif dwar il-progett Oralities</u>**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, tah rendikont tal-Konferenza li hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva attendew tal-progett Oralities, bejn it-22 u l-24 ta' April, 2013, gewwa l-Belt ta' Ourense fi Spanja. Is-Sindku zied jghid li dan il-progett ser jigi fi tmiem tieghu fi 30 ta' Mejju, 2013.

7. **<u>Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements*</u>**

Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsilliera prezenti kopja tal-*Audited Financial Statements* li tlestew mil-Awdituri u ntbaghtu lil Kunsill fil-25 t'April, 2013. Is-Sindku rrimarka u nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill informa lid-Dipartiment li ghalkemm l-*audit* min-naha tal-Awditur sar fil-15 ta' Marzu, izda ghalkemm intbghat minnufih id-dokumenti kollha mitluba, l-*adjustments* ntbaghtu iktar min 30 gurnata wara. Hawnhekk is-Segretarja Ezekuttiva tat spjegazzjoni tal-*Audited Financial Statements* ipprezentati u tas-sitwazzjoni finanzjarja li bhalissa qieghd jaffacja l-Kunsill. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill japprova dawn l-*Audited Financial Statements*. Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi, ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk, is-Sindku pprezenta kopja ta' ittra mibghuta lil Onorevoli Dr. Jose Herrera, Segretarju Parlamentari ghall-Kultura u l-Gvern Lokali dwar is-sitwazzjoni finanzjarja li qieghed jaffacja l-Kunsill Lokali tal-Birgu, fejn wara l-laqgha li saret mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, s-Sur Carmel Abela, kif ukoll mal-Assistent Direttur, s-Sur Silvio Frendo, gie nnutat li sakemm ma jsirx bdil u ristruttura fil-ligi tal-Kunsilli Lokali, partikolarment fl-artikli 55 u 58, l-Kunsill ser jibqa' jaffacja l-istess sitwazzjoni ta' *deficit.* Sfortunatament il-Kunsill Lokali tal-Birgu fil-pozizzjoni li jinsab fiha ma jistax jghejjex lilu nninfsu, ahseb u ara lil lokalita tieghu. Il-Kunsill informa lil Onor. Dr. Jose Herrera, li ntbaghtet ukoll korrispondenza lil Ministru ghall-Finanzi l-Onorevoli Professur Edward Scicluna, sabiex tigi spjegata lilu wkoll is-sitwazzjoni prezenti.

8. **<u>Taghrif dwar ix-xogholijiet fid-*Day Centre* ghall-anzjani fil-Berga ta' Franza.</u>**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, pprezenta ghall-attenzjoni korrispondenza mibghuta lil Onorevoli Franco Mercieca, Segretarju Parlamentari ghad-Drittijiet tal-Persuni b'Dizabbilita u Anzjanita Attiva fejn ghan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu talab l-ghajnuna tas-Segretarjat sabiex fil-Berga ta' Franza issir *Day Centre* ghall-anzjani.

Hawnhekk, is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-kunsill qieghed jircievi diversi donazzjonijiet minghand kumpanija differenti sabiex isiru x-xogholijiet fid-*Day Centre* ghall-anzjani fil-Berga ta' Franza. Is-Sindku tah rendikont tax-xogholijiet li qeghdin isiru

bhalissa. Is-Sur Boxall zied jghid li hemm diversi volontiera li lesti li jghinu lil Kunsill sabiex dan id-*Day Centre* jibda jopera.

Is-Sindku zied jghid li fi 13 ta' Gunju, l-Fondazzjoni Xjuhija Attiva ser ittella' *workshop* msejjah "Xjuhija Attiva" fejn ghal dan il-*workshop* ser tattendi il-Ministru ghall-Familja u Solidarjeta Socjali, s-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca, kif ukoll is-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Dr. Franco Mercieca.

## 10. **Affarijiet Ohra**

10.1 Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sur Anton Gellel Kunsillier, issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

10.2 Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li s-sejha ghall-offerti ghat-tlugh u l-inzul tal-bandiera tal-Birgu fuq il-Mina l-Kbira ghalqet fi 30 t'April, 2013 u ghal din is-sejha ntefghet offerta wahda dik tas-Sur Alfred Mizzi ghal prezz ta' EUR 6 kuljum. Wara diskussjoni, s-Sindku qal li l-Kunsill ghandu japprova din il-kwotazzjoni, l-Kunsillier Anton Gellel issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

10.3 <u>Performance Bonus tal-Haddiema Klerikali</u>

Is-Sindku s-sur John Boxall pprezenta ghal approvazzjoni tal-Kunsill, l-*appraisal* tal-haddiema klerikali tieghu ppreparat mis-Segretarja Ezekuttiva, s-Sinjorina Christine Bonello, sabiex fuqhom, jigi approvat il-*performance bonus* taghhom. Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona li l-Kunsill ghandu joqghod ghal pariri li nghatawlu mis-Segretarja Ezekuttiva, u ghandu japprova sabiex is-Sinjura Moira Azzopardi tinghat 6% *performance bonus* filwaqt li s-sinjorina Lara Grima tinghat 5% *performance bonus* u s-Sinjorina Marilyn Ellul, tinghata 4% *performance bonus* Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu..

Il-laqgha ntemmet fil-9 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Christine Bonello<br>Segretarja Ezekuttiva | ikkonfermati John Boxall<br>Sindku |